**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' April, 2025

Rikors Ġuramentat: 171/21 AL

**A B**

**vs.**

**C D C E**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 3570/2019)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*a) ILLI hija żżewwġet lir-raġel tagħha, fil-21 ta' Diċembru 2019 permezz taz-zwieg civili bir-Reġistru Pubbliku. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. MM1;*

*b) ILLI minn dan l-istess żwieg, il-partijiet kellhom l-uniku wild bl-isem ta' F-G E, li twieled fil-5 ta' Frar ta' din is-sena 2020 u li sa issa għad ghandu sena u erba' xhur żmien. Kopja tac-Certifikat tat-Twelid tal-Minorenni qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. MM2;*

*c) ILLI l-ħajja konjugali ta' bejniethom qatt ma kienet wahda felici kemm qabel u kif ukoll mill-bidu taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieg tagħhom u ġiet reża mpossibli minħabba inkompatibilita' ta' karattru bbazata u li gejja esklussivament fuq l-attitudnijiet tar-ragel u raġunijiet oħra li huma gravissimi inkluz vjolenza domestika imputabbli lil C D C E fost ohrajn sabiex wieħed definittivament jasal għall-otteniment ta' separazzjoni personali, kif ser jigi muri u ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;*

*d) ILLI tant kemm il-ħajja konjugali ta' bejniethom qatt ma ħadet is-sopravvent fuq affarijiet individwali oħrajn tar-ragel, illi hija serjament ikkunsidrat ukoll illi tipprocedi b'kawza għall-annullament ċivili taż-żwieġ tagħha, u dan stante illi r-raġel tagħha uża l-element tal-vjolenza kemm dik fizika u anke psikologika bil-konsegwenza li llum rawwem element kbir ta' biza' fiha stess u fil-genituri taghha;*

*e) ILLI stante dan kollu l-omm stess qed thoss illi għandha sa anki tissalvagwardja lil binha milli jkun assoggettat għal dawn l-avvenimenti xejn sbieħ u dan ghaliex mhuwiex fl-interess tal-minuri illi bniedem li suppost huwa missier, kellu jaqa' ghalihom, apparti l-fatt illi litteralment anqas biss qed ihares l-ezigenzi fundamentali tal-minuri bhalma huma l-manteniment tieghu u d-drittijiet tieghu bhala cittadin Bulgaru;*

*f) ILLI ormai il-hajja konjugali mhux biex tkissret izda tkissret b'mod ghal kollox irreparabbli stante l-agir u l-komportament kollu msemmi illi huwa imputabbli b'mod assolut u esklussiv ghall-konvenut C D C E;*

*g) ILLI il-ftuh ta' dawn il-proceduri kuntenzjuzi gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet numru 1368/21 mahrug minn din il-Wisq*

*Onorabbli Qorti fis-16 ta' Gunju 2021 fejn l-istess iddikjarat illi l-medjazzjoni hija maghluqa u awtorizzat lill-esponenti sabiex tkun tista tipprocedi b'kawza u dan fit-termini mposti mill-ligi, kif qedha taghmel;*

*h) ILLI anki fil-perkors tal-medjazzjoni, l-esponenti kienet ferm iddizapuntata ghaliex hija xtaqet hafna illi tasal f'xi forma ta' kompromess mal-konvenut, pero dan sfortunatament ma kienx possibbli ghaliex il-konvenut ma wera l-ebda interess illi jasal f'arrangjament bonarju b'mod holistiku izda biss baqa' jossessjona ruhu sabiex jara t-tifel minghajr anqas biss jaggixxi b'mod naturali b'maturita' ta' missier biex jasal ghal dan it-tragward wara l-komportament vjolenti tieghu tal-passat versu l-omm, familtha u fil-prezenza tat-tifel stess;*

*i) ILLI bir-rizultanza kollha ta' dawn il-fatti diretti, cari u oggettivi ghall-ahhar illi l-esponenti taf bihom personalment u anki esperjenzathom flimkien ma' diversi xhieda ohrajn, hija ma kellhiex alternattiva ohra illi ufficcjalment tiftah dawn il-proceduri kuntenzjuzi;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Wisq Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) m'għandhiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-konvenut fosthom vjolenza, theddid, ingurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*

*2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F G E f'idejn l-esponenti, u sabiex tieħu kwalunkwe deċizjonijiet relatati mal-hrug tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif għandu jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tordna li l-imsemmi minuri jirrisjedi esklussivament mal-esponenti kif minn dejjem kien u kif diga' huwa l-kaz;*

*4. Tiffissa u Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mil-konvenut għall-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija tifel jagħlaq l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jieqaf mill-iskola u*

*jibda jaħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedi li jibqa' jistudja;*

*5. Tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jippercepixxi l-konvenut, u jiġu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi mhallas, rivedut u fuq l-awment tieghu kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-għoli tal-ħajja;*

*6. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri sakemm dan ikun għadu qed jistudja; inkluz u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjez oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;*

*7. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri F G E, fosthom, izda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinzamm mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din il-Wisq Onorabbli Qorti;*

*8. Toħrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kodiċi Ċivili a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa, din l-Ordni tiġi estiza a favur il-membri tal-familjari tal-esponenti;*

*9. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*10. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwist jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi filwaqt li tiddikjara liema huma l-*

*beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi zmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Wisq Onorabbli Qorti;*

*11. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' divijoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit mnn dina l-Onorabbli Qorti;*

*12. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mil-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*13. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' 'B';*

*14. Tallega l-Atti tal-Medjazzjoni Numru 923/20 mal-kawza odjerna;*

*15. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din il-Wisq Onorabbli Qorti;*

*16. Bl-ispejjez u l-imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa:

*1. Illi fl-ewwel lok il-konvenut esponenti jaqbel mal-ewwel talba mmarkata (1) b'dan illi tul il-kors tal-proċediment ta' dina l-kawza, ser tiġi ppruvata li hija solament il-htija tal-attrici li għandha taħti għat-tifrik taz-zwieg, tanto li l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika għadhom appuntu allegazzjonijiet, li l-konvenut jemmen bis-shih li l-ġustizzja ser issir u li l-verita ser toħroġ u dan nonostante l-fatt li l-kawza tal-allegat vjolenza*

[2] Fol. 75.

*domestika għadha sub judice quddiem il-Qorti tal-Magistrati u in ogni caso kull persuna għandha tkun presunta innocenti sakemm tinstab hatja.*

*2. Illi l-esponenti qed joġġezzjona bil'qawwa għat-tieni talba u dan stante l-fatt illi ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex l-kura u kustodja tal-minuri F G E ikun solament f'idejn l-attriċi. L-attitudni tal-attrici, ossia dik fejn qed tirrifjuta l-aċċess lil missier b'mod illegali u abbużiv, juri biċ-ċar illi l-iskop u l-għan tal-attriċi għal din it-talba hi li malli jkollha l-kura u kustodja tal-minuri solament f'idejha hija toħroġ minn Malta sabiex il-missieri ma' jkunx jista' jara l-minuri.*

*3. Illi t-tielet talba qed tigi oġġezzjonata bil'qawwa ukoll u dan stante l-fatt illi, simili għat-tieni talba, ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi li teskludi milli t-tifel jirrisjedi maz-zewġ ġenituri, b'dan illi r-residenza ordinarja tkun mal-omm u l-missieri ikollu aċċess għal minuri kif stipulat bil-ligi, ossia darbtejn tul il-ġimgħa u 'sleep over' fl-aħħar tal-ġimgħa kif inhi n-norma u l-prassi.*

*4. Illi l-esponenti ma joggezzjonax għar-raba' talba, l-esponenti jaf ben tajjeb l-obbligi tieghu ta' missier u di fatti għamel diversi tentattivi sabiex isaqsi lill-attrici biex jgħaddi manteniment għal minuri F G E, b'dan illi għandhom ikunu solament il-liġijiet tar-Repubblika ta' Malta li għandhom jigu applikati fiċ-ċirkostanzi, u dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt illi l-attrici rreferiet għall-fatt illi l-minuri huwa ċittadin Bulgaru meta dan qatt ma gie rregistrat il-Bulgarija, jew qatt ma' ġie registrat il-Bulgarija bil-kunsens tal-missier, ossia l-esponenti.*

*5. Illi ma hemm l-ebda biża illi l-manteniment mhux ser jitħallas, u dan stante l-fatt illi l-esponenti ilu jagħmel din it-talba permess ta' messaggi lil attrici għal diversi drabi, iżda kienet l-attrici li kienet dejjem tirrispondi b'mod abbuziv lejn l-esponenti u dan sempliciment sabiex tgħidlu li ma tridx flusu, b'hekk il-ħames talba ser tigi opposta peress illi l-esponenti huwa persuna affidabbli, jaf l-obbligi tiegħu u kapaċi jagħmel transfer dirett mill-kont tiegħu għal kont tal-attrici.*

*6. Illi s-sitt talba mhux qed tigi opposta, diment li tingħata d-debita rċevuta skond il-liġi.*

*7. Illi l-esponenti mhux qed joġġezzjona għas-seba' talba fejn iżda l-passaport għandu jinżamm mill-esponenti u dan minħabba l-fatt illi bħalissa hemm biża reali illi l-attriċi taħrab minn Malta bit-tifel minuri, di fatti l-attriċi diġà għamlet żewġ talbiet quddiem dina l-Onorabbli Qorti hekk kif preseduta, sabiex titlaq minn Malta bil-minuri, liema talbiet dina l-Onorabbli Qorti hekk kif preseduta rrifjutat.*

*8. Illi l-esponenti jemmen illi t-tmien talba mhux neċessarja, stante l-fatt illi l-kontendi għandhom tifel minuri flimkien u ser ikollhom jiltaqghu sabiex jinghata aċċess lil missier tal-minuri, jekk jogħġobha dina l-Onorabbli Qorti, in oltre jrid jingħad l-fatt illi l-istess talba hija nfondata u bla bażi legali, u b'hekk qed tigi opposta.*

*9. Illi d-disa' talba mhux qed tiġi opposta.*

*10. Illi l-għaxar talba mhux qed tiġi opposta.*

*11. Illi l-ħdax-il talba hija, fl-umli fehma tal-konvenut esponenti eżawrita u dan stante l-fatt illi hemm intavolat fl-atti din l-istess risposta.*

*12. Illi t-tnax il-talba għandha tiġi miċħuda u ser ikunu qiegħdin jitressqu xhieda u evidenza altro che suffiċjenti sabiex jipprovaw li dawn l-istess artikoli għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attriċi.*

*13. Illi t-tlettax-il talba mhux qed tiġi opposta.*

*14. Illi l-erbatax-il talba għandha tiġi miċħuda u dan stante l-fatt illi l-medjazzjoni hija proċedura volontarja u d-diskussjonijiet, flimkien man-noti tal-medjatriċi m'għandhomx jinġiebu bħala prova stante d-delikatezza u l-privatezza li tant ngħatu lil dawn il-proċeduri.*

*15. Illi l-ħmistax-il talba mhux qed tigi opposta.*

*16. Illi fl-umli fehma tal-esponenti, dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex tieħu konjizzjoni tas-sittax-il talba, u dan stante l-fatt illi din normalment ma tkunx talba, iżda tkun il- modo ta' kif wieħed jagħlaq rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata, minn issa ngunta in subizzjoni;*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 3570/2019;[3]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri F G E bin-numru 1005/2020;[4]

Rat kopja tad-digriet tas-16 ta' Ġunju 2021[5] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2022[6] f'liem seduta l-Qorti ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tal-11 ta' April 2024[7] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Sean Meli Apap bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex jissostitwixxi lil Dr Maria Dolores Gauci wara li din irtirat mix-xogħol;

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru 2021[8] f'liem seduta l-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut biex l-atti tal-Medjazzjoni Nru. 751/2021 jiġu allegati ma' dan il-proċess;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

---

[3] Fol. 20.
[4] Fol. 21.
[5] Fol. 14.
[6] Fol. 86.
[7] Fol. 701.
[8] Fol. 74.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fl-24 ta' Diċembru 2024;[9]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ppreżentata fit-13 ta' Jannar 2025;[10]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Illi l-partijiet iżżewwġu fil-21 ta' Diċembru 2019 u minn dan iż-żwieġ kellhom wild bl-isem F-G E li twieled fil-5 ta' Frar 2020. Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, *stante* li tgħid li l-ħajja konjugali ġiet reża impossibbli wara li l-konvenut, fost affarijiet oħra, rrenda ruħu ħati fil-konfront tagħha ta' vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi. Magħdud ma' dan, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur fejn l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut;

2. Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favuriha u jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa a favur membri familjari tagħha;

3. Tirreverti għal kunjom xbubitha 'B';

4. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, residenza u l-manteniment u l-modalitajiet tal-ħlas tiegħu għal iben il-partijiet;

[9] Fol. 772.
[10] Fol. 810.
[11] Verbal tad-29 ta' Ottubru 2024 a. fol. 723.

5. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi;

   Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament ma' l-attriċi u jgħid li ż-żwieġ tkisser b'tort esklussivament tagħha.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*i. <u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:</u>*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022[12] quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci, fejn hija tgħid li tħoss li l-konvenut daħaq biha meta preżenta ruħu bħala bħala bniedem onest u ġentili u mmanipulaha bi kliemu u għemilu fl-għerusija u wara, sakemm inqabdet tqila. Tgħid li daħaq ukoll bil-ġenituri tagħha meta tahom l-impressjoni li għandu intenzjonijiet ġenwini. Tgħid li l-konvenut ma baqax jirrispettaha u beda jkun vjolenti magħha u jaġixxi b'mod immatur u irresponsabbli tant li poġġa l-ħajja tagħha u ta' binha fil-periklu. Tgħid li żżewwiġha biex jottjeni residenza hawn Malta u biex jibbenefika finanzjarjament mill-fatt li miżżewweġ lilha.

Tgħid li hija mbeżża minn żewġha u telqet mid-dar li kienu jikru flimkien, fit-2 ta' Settembru 2020 wara li għamlet rapport ġewwa l-għassa tal-Qawra. Dan ġara wara li l-vjolenza u l-abbuż fiżiku u mentali żdied tant li bdiet tibża' għall-ħajja tagħha u ta' binha. Tgħid li huwa kapaċi jweġġa' lil ibnu biex jara lilha ssofri.

---

[12] Fol. 115.

Tispjega li ltqagħet mal-konvenut f'April 2019 fuq l-*Internet* u għall-ewwel trattaha tajjeb. Kien kalm, qalbu tajba, *caring* u kienu jaqblu fuq l-affarijiet importanti tal-ħajja. Tgħid li stidinha tidħol tgħix miegħu u hekk għamlu u ftit wara nqabdet tqila. F'Awwissu 2019 mar l-Eġittu għal xahar għalkemm hija kienet tqila u ma kinitx qed tħossha wisq sew u qabel telaq qagħad jinkwetaha billi jgħidilha li beda joħlom fuq inċidenti tal-ajru. Jgħid li kienet inkwetata ħafna wkoll għax beda jgħidilha li kien qed jibża li ma jerġgħux idaħħluh lura Malta għax ma kellux permess ta' residenza. Huwa fil-fatt mar l-Eġittu biex ibiddel il-passaport li kien skadut u biex jirranġa d-dokumenti biex ikunu jistgħu jiżżewwġu.

Jgħid li dak iż-żmien kien jevita konflitti ma kulħadd għaliex ma kellux permess ta' residenza. Lanqas kellem lil sid il-kera li kellhom il-*gas stove* ma taħdimx. Huwa lanqas ma kellu kontijiet il-bank għaliex ma kellux dokumenti validi biex joqgħod hawn Malta u tgħid li kellha tħallaslu l-vjaġġ hi għaliex għalkemm is-safra kienet ilha pjanata ma kien ġemma xejn għaliha. Tgħid li meta mar l-Eġittu ma ħalliliex flus u kellha tara kif ser tagħmel biex taqla l-flus u tħallas l-appuntament għand il-ġinekologa u l-ispejjeż ta' kuljum. Tgħid li saħansitra kellha ttih il-flus biex iġibilha *souvenier* mill-Eġittu u ma riedx jaqsam ir-renta tal-post taż-żmien meta kien l-Eġittu għaliex qal li hu ma kienx qed jgħix hemm f'dak iż-żmien.

Tgħid li fix-xhur ta' meta ġie lura, il-konvenut kien nervuż u jirrabja kull darba li ssaqsih xi ħaġa u dan l-iktar f'Ottubru u Novembru 2019. Huwa ma kienx juża ismu propja u ma kienx jitkellem fuq il-familja u l-passat tiegħu. Infatti tgħid li mal-ġenituri tagħha li ltaqgħu miegħu l-ewwel darba f'Settembru 2019, huwa introduċa ruħu bl-isem N O, l-istess isem li kien juża fuq profili fuq l-Internet. Kien jiġi nervuż meta l-ġenituri tagħha kienu jistaqsuh fuq il-*background* tiegħu.

Issemmi inċident li seħħ fil-21 ta' Settembru 2019 meta kienu kollha mal-mejda qed jieklu u hi staqsietu ma' min kien qed jitkellem fuq l-Internet u hu intilef f'rabja u qalilha li ser jitlaqha f'Diċembru. Tgħid li hi u l-ġenituri tagħha kienu sorpriżi u perplessi għaliex bdew jaraw lill-konvenut f'dawl ieħor. Tgħid li ħassitha umiljata u offiża quddiem il-ġenituri tagħha.

Meta kkalma mbagħad beda jipprova inessihom dak li kien ġara billi stidinhom għal ikla l-għada. Tgħid li l-konvenut kien jagħmel hekk – l-ewwel jintilef f'rabja fuq affarijiet żgħar imbagħad joqgħod jitlob skuża u jaġixxi daqs li kieku ma ġara xejn.

Tgħid li f'Settembru 2020 hija rritornat il-Bulgarija mal-ġenituri tagħha u spjegatlu illi ma kinitx taf kemm ser iddum għaliex kellha tirranġa d-dokumenti biex tkun tista' tiżżewweġ u kellha tagħmel *power of attorney* lill-ġenituri tagħha u li meta jitwieled it-tifel, f'sitt xhur kellu jiġi reġistrat il-Bulgarija bħala ċittadin Bulgaru imwieled lil omm Bulgara. Tgħid li din il-konverżazzjoni saret quddiem il-ġenituri tagħha u li l-konvenut aċċetta dak kollu li kienet qed tgħidlu. Tgħid li waqt li kienet il-Bulgarija, l-konvenut ċemplilha u baqa' jistaqsiha ġurnata sħiħa biex tibgħat xi flus lil ommu.

Meta rritornat mill-Bulgarija tgħid li l-konvenut ipproponielha biex jiżżewwġu u dan kien fit-12 ta' Ottubru 2019 u hija aċċettat u kienet ferħana u eċitata għaż-żwieġ u għat-twelid tat-tarbija. Tgħid li f'Novembru 2019 imbagħad reġgħu ġew Malta l-ġenituri tagħha u meta ġew raw tbenġila fuq idejha xellugija. Tgħid li dak iż-żmien kienet taħseb li l-aġir tiegħu ma kienx bi skop iżda aċċidentali. Tgħid li kienu marru jieklu u wara li hija staqsietu biex jitlob lil xi ħadd biex joħdilhom ftit ritratti, huwa ntilef f'dadigħa ta' rabja. Tgħid li ma fehmitx għalfejn kien qed jirreaġixxi b'dan il-mod. Iktar tard tgħid li missierha wera lill-konvenut filmat tiegħu ta' dakinhar u qallu li dan ma kienx mod kif raġel serju jirreaġixxi. Tgħid li l-konvenut beda jidħaq waqt li jara l-filmat u lanqas wera rimors jew li ddispjaċih. Tgħid li mbagħad intefa fis-sodda u bdiet tinduna li kien il-mod tiegħu kif jiġbed is-simpatija lejh wara li jkun aġixxa b'dak il-mod. Kien jiġġustifika l-aġir tiegħu billi jgħid li n-natura tax-xogħol tiegħu kienet stressanti u li kien stressjat fuq it-tarbija li kienet ġejja. Tgħid li dan l-aġir kien jinkwetaha ħafna u jtaqqalha.

Tgħid li wara li żżewwġu r-relazzjoni tagħhom inbidlet għall-agħar għax żdied ukoll l-abbuż fiżiku. Tgħid li kienet saret ovja li kien gidbilha biex jottjeni r-residenza hawn Malta. Huma żżewwġu fil-21 ta' Diċembru 2019. Tgħid li l-inċidenti wara ż-żwieġ żdiedu, sar iktar agressiv u jbati bil-burdati. Tgħid li ma kienx iktar jieħu l-opinjoni tagħha u kien vjolenti

fiżikament magħha kemm meta kienet tqila u kif ukoll wara t-twelid tat-tarbija. Tgħid li huwa kien inbidel mill-persuna li kienet ltaqgħet miegħu fil-bidu.

Tkompli li beda jqatta' ħafna ħin fuq il-kompjuter jitkellem ma' nisa oħra u jħares lejn ritratti tagħhom nofshom għarwenin filwaqt li kien jgħidilha li dawn kienu parti mill-proġetti li kellu tal-*filming*. Tgħid li kien attiv anke fuq il-profili tagħhom u kien bagħat l-istess messaġġi li bagħat lilha lil mara oħra bl-isem ta' P Q. Tgħid u tippreżenta ritratti ta' vjolenza fuq ġisimha li hija tallega li għamlilha hu meta kienet tistaqsih fuq dawn in-nisa.

Tgħid li wara li żżewwġu beda jkun xħiħ fil-flus, poġġa s-saħħa tat-tifel fil-periklu, beda jiddiżrispettaha, jimmanipulaha u jkun abbużiv fil-konfront tagħha. Tgħid li hi dejjem kienet bilgħaqal fil-flus iżda li l-konvenut kien wisq xħiħ u kien iwaqqafha milli tuża l-*hair dryer*, jagħmel għaġeb jekk tħalli xi lampa mixgħula, ma jħallihiex tixgħel il-*heating* u t-TV għax teħli l-elettriku u ma jħallihiex tuża ilma sħun biex taħsel il-platti. Dan kollu biex jiffranka fuq il-kontijiet. Tiddiskrivi umdità fl-appartament iżda tgħid li ma kienx iħalliha tuża d-*dehumidifier*. Tgħid li hi kienet issofri fil-kwiet u kien għamlilha ħajjitha infern u li kien jheddidha li kien ser jitlob id-divorzju u li ma kellux problema jara lit-tifel kif tiddeċiedi l-Qorti.

Tkompli li ma kienx japprezza l-isforzi tagħha biex iżżomm l-appartament nadif u kien jagħmel minn kollox biex iħalli maħmuġ. Tgħid li kienet issofri kontinwament mill-insulti tiegħu u mill-fatt li ma kienx jgħinha u kien ikollha ġġorr l-affarijiet tat-tarbija weħedha anke jekk ma kellhomx lift fl-appartament. Tgħid li kienu l-ġenituri tagħha li xtrawlhom kollox għat-tarbija li kienet ġejja. Il-mument li ma kinitx taqbel miegħu kien jibda jheddidha li ser jitfagħha l-barra. Qatt ma kien jiddispjaċih ta li jagħmel iżda kien jimmanipulaha billi anke jheddidha li ser jikkommetti suwiċidju u b'hekk teħel hi għall-mewt tiegħu. F'mumenti oħra kien ibiddel il-burdata u jagħmel ħafna pjanijiet b'entużjażmu kbir.

Tgħid li l-ġenituri tagħha ġew Malta fit-30 ta' Jannar 2020 qabel ma welldet u raw tbenġila fuq idejha imma tgħid li hi ma riditx taffaċja lill-

konvenut b'dan għaliex riedet ftit tal-kalma. Tgħid li meta kienet proprju waslet biex twelled kien qala ġlieda ma' sid il-kera meta kien jaf f'liem stat qiegħda hi. Tgħid li bit-tensjoni qabduha l-*contractions* u marru l-isptar b'urġenza.

It-tifel twieled fil-5 ta' Frar 2020. Tgħid li l-konvenut ma marx jaraha sakemm twieled it-tifel u bil-lejl ma kienx joqgħod magħha l-isptar u kienet ommha li kienet akkumpanjatha l-isptar. Meta kienet titolbu jmur joħdilha xi bżonnijiet l-isptar kien jgħid li ma għandux flus għat-taxi jew li ma għandux ċans meta f'dan il-perjodu lanqas kien jaħdem. Tgħid li kienet imweġġa bil-fatt li l-konvenut lanqas prepara l-kamra għall-miġja tat-tifel u kellu jkun missierha li jibnilu s-sodda. Tgħid li ma wera l-ebda simpatija lejha li kienet għadha kif welldet u meta marret id-dar baqa' jaqleb bejn episodji ta' vjolenza u episodji ta aġir normali. Kien jirrifjuta li jgħin fl-affarijiet tad-dar, tat-tarbija u anke għax-xiri. Tgħid li ġewwa kien ikollha toqgħod bil-ġakketta u li kienet tixgħel l-istove tal-gas bil-moħbi fil-kamra tat-tifel. Tgħid li ma kienx ikun irid li jmorru għand it-tabib bit-tarbija bit-taxi anke jekk kien żmien il-pandemija u kien jinsisti li jmorru b'tal-linja, kien igerger biex iħallas lit-tabib tat-tifel u li jgerger li tuża l-isterilizer għall-bottles tat-tifel u kien jitfiha qabel tkun lesta u għalhekk il-bottles ma kienux ikunu sterelizzati sew.

Tgħid li l-ġenituri tagħha kemm-il darba raw b'għajnejhom l-aggressjoni tal-konvenut u l-atmosfera tqila li kien ikun hemm id-dar tagħhom u kienu jinkwetaw ħafna u missierha kien jipprova jkellmu biex jikkalmah. Tgħid li ommha qagħdet magħhom għal xi ġranet wara t-twelid tat-tarbija għaliex hi kienet muġugħa u kienet għadha ma hiex qed tħossha sew. Għalkemm il-konvenut kien jiġi mix-xogħol u jgħid li hu għajjien, u għalhekk ma jistax jieħu ħsieb lit-tarbija, xorta kien idum fuq il-kompjuter bil-lejl. Tgħid li kienet għaddeja minn infern u ommha kienet qed tara kull ma kien qed jiġri. Tkompli li sadanittant kien ikun irid li teħodlu r-ritratti mat-tarbija taparsi qed jieħu ħsiebu mentri dan kien kollu xow biex itella r-ritratti fuq l-*Internet*.

Issemmi inċident ieħor li seħħ fl-20 ta' Frar 2020 fejn tgħid li kienu ltaqgħu għal-għeluq snin ommha u hu kien qabad ħa iktar ikel mill-oħrajn għalih u meta staqsietu għalfejn għamel hekk reġa nfexx f'rabja u telaq

minn fuq il-mejda u mar jissakkar f'kamra oħra. Dakinhar missierha kien kellmu sew biex iwaqqaf l-aġir tiegħu. Tgħid li l-konvenut kien ħalef, anke qabel telqu lura l-ġenituri tagħha, li kien se jieħu ħsiebha iżda ftit wara kien diġà kiser din il-wiegħda u reġa' kien vjolenti magħha.

Tgħid li fil-bidu ta' Marzu 2020 il-ġenituri tagħha reġgħu ġew Malta u magħhom ġabulhom diversi rigali għat-tifel, anke li kienu bagħtu kollegi ta' ommha. Tgħid li l-konvenut xejn ma feraħ b'dawn ir-rigali u beda jgerger li aħjar tawhom flus minflok affarijiet bħal *stroller.* Tkompli li l-vjolenza żdiedet u kien anke jħalliha mingħajr flus u kellha tkun hi li tipprovdi għall-familja. Tgħid li l-konvenut għamel tliet xhur bla xogħol u għalhekk mingħajr introjtu u kellha tiffinanzja l-familja hi bil-flus li kienet ġemmgħet mix-xogħol li kellha qabel u x-xogħol li kellha issa waqt li kienet leave tal-maternità. Tgħid li l-konvenut ma pruvax isib xogħol u baqa' d-dar igerger li għajjien u jitkellem ma' nisa oħra fuq l-*Internet*. Tgħid li anke l-ikel li kien jixtri kien jikolulha kollu hu, fi żmien meta kellha tkun b'saħħitha għaliex kienet qed tisqi lit-tarbija. Kien jixtri affarijiet għalih biss u kien jgħidilha li fl-Afrika anke jekk in-nisa kienu qed imutu bil-ġuħ, xorta kellhom ħalib għat-tarbija.

Issemmi diversi episodji fejn il-konvenut taha daqqiet fuq ħalqha, fuq darha u weġġgħaha f'idejha. Skopriet ukoll li diġà kien hemm rapport mal-pulizija kontra l-konvenut dwar *harassement* fuq nisa oħra u dan skoprietu meta Pulizija mill-għassa ta' tas-Sliema kienu ċemplulu biex imur l-għassa. Tgħid li kien jgħidilha kliem bħal *I wish you die, Go to hell, Fuck off, You'll cry with blood tears, You are less, you are less woman, Piece of shit, Fat, Ugly, You are an animal.*

Tispeċifika numru ta' dati li fihom il-konvenut kien vjolenti magħha u tippreżenta wkoll ritratti tal-ġrieħi li allegatament ġarrbet. Tgħid li kien jinjora anke l-pariri tat-tobba u kien ikun irid jimponi l-opinjonijiet tiegħu dwar kif irabbu lit-tifel skont dak li jagħmlu l-Eġittu. Tgħid li meta t-tifel għalaq erba' xhur iddeċieda li ma jridx jieħdu iktar għand pedjatra għaliex ma kienx jaqbel li jħallsu l-fee tiegħu. Tgħid li dan minkejja li kienet tħallas kollox hi. Kien anke jpoġġi ritratti tat-tifel mingħajr ħwejjeġ fuq l-*Internet* meta hi kienet speċifikament tgħidlu li ma riditx ritratti ta' binha fuq l-*Internet*. Tgħid li kien jinjora dan u kien jittratta lit-tifel bħala

oġġett biex jiġbor il-*likes* fuq l-*Internet*.  Tgħid li kien krea profil f'isem it-tifel fejn kien itella ritratti tat-tifel u tippreżenta *screenshots* ta' dan il-profil u ritratti.  Fl-istess waqt kien juri diżinteress totali fit-tarbija.  Tgħid li lanqas ma ried jgħinha tavvanza fil-karriera tagħha billi jieħu ħsieb lit-tarbija u tonfoq sebgħin Ewro fuq kors *online*.

Tirrakkonta li f'Mejju 2020, il-konvenut kien partikolarment aggressiv u kien argumenta bil-kbir fuq il-fatt li hi ma riditix iċ-ċirkonċiżjoni tat-tifel. Tgħid li għalkemm kienet turih li anke t-tobba jaqblu magħha li din l-operazzjoni ma kinitx ser tgħin lit-tifel, hu kien qalilha li l-atturi tal-*porn* kollha jagħmluha.  It-tobba tgħid li kollha qalulha li dik ma tipprevenix il-kanċer tal-prostata kif kien jgħid hu.  Tgħid li mbagħad beda jpattihilha b'affarijiet oħra bħal per eżempju ma jmurx magħha biex tagħti l-vaċċini lit-tifel.  Issemmi iktar episodji ta' vjolenza li seħħew f'Mejju 2020.  Tgħid li fit-30 ta' Mejju 2020 kellhom jindaħlu l-ġenituri tagħha biex jikkalmawh minn fuq *Whatsapp* għaliex il-konvenut kien intilef f'rabja wara li kien ra l-*Facebook account* tagħha u ma għoġbitux l-attività li kellha fuqu.

Tgħid li mbagħad beda jċempel mix-xogħol waqt il-*break*, quddiem sħabu, jistaqsi għat-tifel iżda d-dar kien baqa' jaġixxi bl-istess mod. Indunat li din kienet biss xow biex juri kemm hu missier tajjeb quddiem sħabu.  Tispjega li kien anke beda jgerger ħafna fuq ix-xogħol, kontra l-imgħallem tiegħu u anke jidħaq bi sħabu minn wara darhom.  Tgħid li minkejja li kien beda jaħdem ma kienx iħallas għal xejn hu ħlief għal-kiri tal-post u dan wara xhur tħallas kollox hi.  Kien beda jaħbi l-flus anke fil-Quran u jallega li hi tkun ħaditlu l-flus.  Tgħid li hi kienet xtratlu *drone* biex jiġbed il-films kif xtaq, TV, ħwejjeġ *etc* u li anke l-ġenituri tagħha kienu jixtrulu ħafna affarijiet.

Tkompli li x-xogħol il-ġdid lanqas ma għen biex l-affarijiet imorru l-quddiem u meta ħareġ li kellha problema bit-twelid tat-tarbija u kellha bżonn il-fiżjoterapija kien beda jgerger għall-flus meta dan kienet qed tħallsu bil-flus tagħha stess.  Kif għamel l-istess għal żewġ gażażi li xtrat għat-tifel.  Meta kienet bdiet tmur tixtri u tħalli lit-tifel miegħu kienet tkun imbeżża minn x'ħa ssib meta tirritorna u ħafna drabi kienet issib lit-tarbija bil-ħarqa mimlija u bil-ġuħ.  Darba saħansitra qabditu jmur jixtri ċikkulata għalih u jħalli lit-tarbija weħedha għalkemm huwa l-ewwel

ċaħad dan imbagħad qal li kien biss għal ftit ħin.  Tgħid li hawn tilfet kull fiduċja fih.

Tkompli li mbagħad beda isegwiha konsistentement u joqgħod attent lil min iċċempel u jċemplilha kontinwament meta tkun barra.  Beda jiffissa fuq ħabib tal-familja tagħha li kien Bulgaru u li kien jaħdem f'ħanut qrib fejn kienu joqgħodu u li ġieli kienet issellimlu.  Tgħid li spiċċat li anke l-benefiċċji li kienet tirċievi għat-tifel kien ikollha tonfoq fuqu.  Fil-21 ta' Ġunju 2020 tgħid li l-konvenut faqa l-bieb fejn kienet rieqda mat-tifel u sawwatha.

Inqala mbagħad inċident ieħor in konnessjoni mad-dokumenti tat-tifel li tgħid li kienet infurmatu eżattament fuqhom f'Ottubru 2019 iżda hu ċaħad li kien jaf u qal li kien qatta d-dokument uffiċjali li kienu ħarġu l-Konsulat Bulgaru f'Malta.  Tgħid li għal kull ħaġa li ma kinitx taqbel miegħu kien jheddidha li se jkeċċiha mid-dar jew li ser jitlaqha.  Kien jistenna li hi tobdieh f'kollox u tagħmel dak li jrid hu.  Fil-15 ta' Awwissu 2020 tgħid li kellhom inċident ieħor għax ma riditux joħroġ waħdu bit-tarbija u hu ċempel lill-pulizija.  Tgħid li l-ġurnata ta' wara ma kelliex saħħa tkompli wara dan l-inċident.  Ftit tal-ġranet wara anke ta ċikkulata tal-adulti lit-tifel mingħajr ma ħaseb li t-tifel jista' anke jkollu allerġija.  Tkompli li fil-ġranet ta' wara prova anke jmiss lit-tifel b'tazza kafe sħuna għax qal li jrid jgħallem lit-tifel id-differenza bejn il-kiesaħ u s-sħun.

Apparti n-nuqqas ta' sostenn, tgħid li kien jirrifjuta li joħorġu bħala familja.  Tgħid li l-ġenituri tagħha kienu jaraw ħafna minn dan l-aġir, anke meta kien jieħu lit-tifel ħdejh meta jkun fuq il-kompjuter u jgħid li tajjeb li t-tifel jidra jara nisa oħra u jidħaq waqt li jgħid hekk.  Tgħid li beda jiffolowjaha kull fejn tmur u darba bdiet riesqa lejn għassa tal-pulizija u dik il-ħaġa waqqfitu u mar lura d-dar.  Kien ikun irid li tibgħatlu ritratti ta' fejn qiegħda u jaqbad argument fuq kollox.  Tippreżenta wkoll *screenshots* fejn tgħid li juru li kien qed jikkuntatja mara oħra.

F'Awwissu 2020 ommha ġiet Malta biex toqgħod ftit magħhom u wara jumejn kwiet kien għamel storja għaliex ommha ma kinitx lestiet tiksi l-kċina bil-*foil* kif kienu ftehmu li kellha tagħmel.  Tgħid li kif ġie lura mix-xogħol intilef f'rabja kbira u għajjat sfrenat.  Meta spiċċat imbagħad

ogħġbu x-xogħol imma hi tgħid li xejn ma seta' jnessiha l-għajjat li għajjat dakinhar. Tgħid li ommha kienet kitbet lil omm il-konvenut tgħidlu x'qed jiġri iżda ommu ma rrisponditiex. Tgħid li kien hemm drabi fejn anke lil ommha prova jimbuttaha, anke jakkużaha li hi l-kawża tal-problemi tagħhom u jgħajjat magħha. Tgħid li kienet sitwazzjoni ridikola kif kien jitkellem kontra l-ġenituri tagħha u jheddidha biex ma tkellimhomx iktar u fl-istess ħin kien ikun liebes ħwejjeġ li jkunu tawh huma u jiekol dak provdut minnhom.

Għalkemm tgħid li kienet qed teħel penali sakemm tmur tirranġa d-dokumenti l-Bulgarija, l-konvenut ma riedx li hija tmur. Tirrakkonta li faqa l-bagalja ta' ommha u seraq id-dokumenti minnha. Meta rat hekk l-omm kellmet lill-konvenut u dan attakkaha u beda jgħid li l-attriċi trid titlaq bit-tifel u ċaħad li hi kienet spjegatlu dwar ir-reġistrazzjoni tat-tifel is-sena ta' qabel. Meta ommha qaltlu li kienet ser tgħid lill-pulizija għaliex dak kien serq tgħid li qalilha li kien ser jgħid lill-pulizija li sab elf Ewro u droga fil-bagalja tagħha. Huwa mbagħad bagħtilha *email* b'akkużi foloz kontra ommha. Ommha qaltilha li dak li rat iseħħ bejniethom kien iktar tal-biża milli hi u missier l-attriċi kienu mmaġinaw.

Tgħid li tagħtu ħafna ċansijiet iżda li kienet tara r-rabja f'għajnejh waqt argument u kif ma setax jikkontrolla lilu nnifsu u bdiet verament tibża, kemm għaliha u kemm għal binha. Tgħid li f'Awwissu 2020 sa wasal biex heddidha li jitfa xaħam jaħraq fuq wiċċha. Tgħid li minħabba li kien żmien il-pandemija hija kienet tħossha iktar weħedha. Tgħid li għaliha meta ġab id-dokumenti lilha u lit-tifel rahom bħala ostakolu għal dak li ried jagħmel. Tgħid li hi kemm-il darba kellmet lil familjari tiegħu u ommu pruvat tgħidlu biex ikun *nice* magħha iktar minn darba imma mbagħad il-konvenut ma baqax jirrispondiha. Tgħid li ddeċidiet li tkellem avukat u fl-1 ta' Settembru 2020 intavolat rapport mal-pulizija għal vjolenza domestika.

Meta telqet mid-dar tgħid li baqa' jiġri warajha b'messaġġi, theddid u insulti li kien jibgħatilha fuq *Whatsapp* u prova jimmanipulaha u jgħidilha li ommha kienet it-tort tal-inkwiet bejniethom. Tgħid li hija qatt ma waqqfet lill-konvenut milli jara lil ibnu, iżda t-tifel kien jinkaram magħha meta tieħdu ma' missieru u hi kienet tweġġa' ħafna tara t-tensjoni li kien

jimtela biha t-tifel meta jara lil missieru. Tgħid li baqa' jieħu l-opportunità li jibgħatilha *voice messages* ta' theddid u jgħidilha biex tiftaħhom għax huma messaġġi għat-tifel. Kien jgħidilha wkoll li mhux se jmanti lit-tifel. Tgħid li l-ebda messaġġ ma kien biex jistaqsi dwar l-iżvilupp tat-tifel. Jgħid li wara li fis-16 ta' April tellgħet ritratt fuq *Whatsapp*, id-difensur tal-konvenut ikkuntattja lid-difensur tagħha jistaqsi fejn kienet u ma staqsa xejn fuq it-tifel. Tgħid li l-konvenut jgħid ħaġa u jagħmel oħra u jaħseb biss fih inniffsu.

Tippreżenta mbagħad id-dokumenti u ritratti li tgħid jissostanzjaw ix-xhieda tagħha.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tressaq is-segwenti provi:*

a. Affidavit ta' R S T J ossia omm l-attriċi[13] li min-naħa tagħha tikkorabora l-verżjoni ta' bintha minn dak li qaltilhom bintha meta ma kienux Malta u minn dak li tgħid li rat b'għajnejha meta kienet tiġi hawn Malta;

b. Affidavit ta' H I J ossia missier l-attriċi[14] li jikkorrabora l-verżjoni ta' bintu u ta' martu u jirrakkonta mill-perspettiva tiegħu l-istess inċidenti li jgħid li raw b'għajnejhom hu u martu, ġenituri tal-attriċi u dak li fetħet qalbha dwaru binthom dwar l-aġir vjolenti tal-konvenut. Jgħid li għalkemm il-konvenut wiegħdu kemm-il darba li ser jieħu ħsieb lil bintu u ma jibqax ikun vjolenti u abbużiv magħha huwa kien jikser din il-wiegħda kull darba u kien hu stess li qabel ma' bintu li kellha tinfired mill-konvenut minħabba dak kollu li ra jiġri.

c. Affidavit ta' K L M[15] li tgħid li rat l-ewwel darba lill-attriċi u lil binha f'Ġunju 2020 meta l-attriċi kienet marret għandha biex tieħu parir dwar iċ-ċirkonċiżjoni għaliex żewġha ried li jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni fuq binhom. Huwa kien jgħidilha li din il-proċedura tipprevjeni l-kanċer tal-prostata. L-attriċi kienet inkwetata ħafna u kienet qaltilha li żewġha kien qed jheddidha li kien ser jieħu lit-tifel biex jagħmel l-intervent anke mingħajr il-kunsens tagħha.

---

[13] Intavolat fis-seduta tat-27 ta' Ottubru 2022 a fol. 217.
[14] Intavolat fis-seduta tat-27 ta' Ottubru 2022 a fol. 284
[15] Intavolat fis-seduta tat-27 ta' Ottubru 2022 a fol. 333.

Tgħid li minn naħa tagħha kienet qaltilha li dan l-intervent ma kienx neċessarju iżda kienet biss użanza, Tgħid li mbagħad marret tara lit-tifel fejn kienu joqgħodu l-partijiet nhar it-13 ta' Awwissu 2020 għaliex dan kellu d-deni u hemm rat lill-attriċi mbeżża minn żewġha u qaltilha biex ma tgħidx li qed tħallasha. Tgħid li ratha pallida ħafna u kienet staqsietha hix qed tbati minn xi abbuż u l-attriċi, aġitata kienet ammettiet magħha li kienet qed tkun soġġetta għal abbuż psikoloġiku u fiżiku minn żewġha. Tgħid li urietha anke ritratti biex turiha li, li kienet qed tgħid kien veru. Tgħid li l-attriċi kkuntatjatha meta żewġha għamel iċ-ċikkulata fuq ħalq it-tifel u meta eventwalment ma baqgħux flimkien u t-tifel kien jibki ħafna fil-preżenza ta' missieru.

d. *Xhieda ta' PS2198 Jennifer Caruana, stazzjonata l-uffiċju ta' Tas-Sliema fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023*[16] li tippreżenta rapport li sar mill-attriċi kontra l-konvenut fl-1 ta' Settembru 2020.

e. *Xhieda ta' PC330 Rodlyn Azzopardi, stazzjonata mat-taqsima tad-Domestic Violence mal-pulizija fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023*[17] li tippreżenta żewġ rapporti magħmulin mill-attriċi kontra l-konvenut wieħed tal-5 ta' Ottubru 2020 u l-ieħor tat-13 ta' Ġunju 2022.

ii. *Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:*

Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2024[18] quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci, fejn huwa jikkonferma x-xhieda li ta quddiem il-Qorti Kriminali u jippreżenta kopja tax-xhieda tiegħu quddiem l-istess Qorti, fil-kawża fl-ismijiet Il-*Pulizija vs C D C E*, seduta tal-20 ta' April 2023 quddiem il-Maġistrat Lara Lanfranco.[19] Jippreżenta wkoll kopja tas-sentenza li ngħatat fid-9 ta' Jannar 2024[20] f'din il-kawża u ġabra ta' ritratti u filmati li jirreferi għalihom fix-xhieda tiegħu.

---

[16] Fol. 474.
[17] Fol. 475.
[18] Fol. 588.
[19] Fol. 589.
[20] Fol. 668.

Fl-1 ta' Ottubru 2024 imbagħad jippreżenta nota b'kopja tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Settembru 2024 fil-każ fl-ismijiet *The Police vs A B.*[21]

*<u>Il-Prinċipji legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tgħid kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment."*

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid f'Artikolu 40 illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment.*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkienma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Il-Qorti tosserva illi meta tiġi biex tkun ikkunsidrata l-ħtija l-Qrati tagħna dejjem irritenew li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux inċident iżolat iżda serje ta' inċidenti li joffendu lill-parti l-oħra b'mod li dik il-

[21] Appeal Number 2265/2023 a fol. 708

persuna jaffetwawha negattivament u b'mod profond. Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **Jethro Bugejo *pro et noe* vs Josette Bugeja Micallef**[22]

,

*"Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni* ***l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri*** *('Caterina Agius vs Benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967) liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246)."*

Għaldaqstant jekk wieħed jikkunsidra l-ħtija ta' xi parti jew oħra din għandha tirriżulta minn atti konsistenti u li jirrepetu ruħhom b'mod illi dawn jirriżultaw f'abitudni illi ma tħallix dik is-serenità neċessarja biex iż-żwieġ jista' jirnexxi. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet **Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**, il-Qorti tal-Appell fil-fatt insenjat illi: *"Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

Jiġi rilevat iżda, li biex ikun hemm ħtija ma hemmx għalfejn jikkonkorru s-sevizzi, l-inġurji gravi, t-theddid u l-minaċċi kollha flimkien iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat wieħed minnhom. Fil-kawża fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson**[23] il-Qorti sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "purche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne l riguardi della convivenza coniugale."*

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[24] u **Antoinette Cauchi vs**

[22] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Ġunju 2020 (Rik. Ġur. Nru 217/2014AL).
[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-12 ta' Mejju 1925.
[24] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, (Vol. XLV C.ii.708).

**Alexander Cauchi**,[25] fejn ġie ritenut illi, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **sevizzi**"* u fir-rigward ta' **inġurji** u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[26] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[27] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[28]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, … hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[29]

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[26] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Frar 1969.
[27] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[28] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[29] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Jirriżulta f'dan il-każ, illi l-partijiet iltaqgħu *online* u ħarġu flimkien għal biss ftit xhur qabel ma żżewwġu. Oltre minn hekk, wara xahar biss joħorġu flimkien, l-attriċi nqabdet tqila mill-konvenut. Il-partijiet f'dak il-mument ħassew illi *"...everything was perfect. We loved each other a lot and we respected each other, and we decided to get to know each other slowly because we already have someone between us who is going to tie us together even if we are not going to be together. We can be just friends."*[30] Il-filmati li jippreżenta l-konvenut huma prova ta' dan – il-partijiet kienu għadhom fil-bidu tar-relazzjoni u jidher li kienu infatwati sew fuq xulxin. Madanakollu dan ma jfissirx li kienu preparati għall-pass li kienu ser jieħdu. Il-Qorti tħoss li ż-żwieġ diġà beda fuq sieq ħażina meta l-partijiet bil-kemm kienu għadhom jafu lil xulxin u fi tmien xhur huma ltaqgħu, l-attriċi nqabdet tqila, daħlu joqgħodu flimkien, il-konvenut propona u l-attriċi kienet tidher ferħana ħafna b'dan u f'Diċembru żżewwġu. Iż-żwieġ jirrikjedi preparamenti serji, iktar u iktar meta l-partijiet ikunu se jilqgħu fi ħdanhom tarbija u l-partijiet ċertament li ma kellhomx żmien biżżejjed biex jitgħallmu fuq xulxin, jibnu relazzjoni b'saħħitha u jippreparaw għal dan iż-żwieġ u sabiex isiru ġenituri flimkien. Oltre minn hekk, il-partijiet kienu ġejjin minn żewġ pajjiżi differenti, b'kulturi differenti u kienu qed jgħixu f'pajjiż barrani għat-tnejn li huma. Dawn kienu kollha fatturi li għalkemm l-attriċi tgħid li tkellmu dwarhom u qablu, kellhom impatt fuq ir-relazzjoni għaliex huwa naturali li koppja multi etnika, li tgħix f'pajjiż barrani għandha bżonn preparazzjoni soda jekk trid tidħol għall-ħajja taż-żwieġ.

Dan kollu l-partijiet qabżuh u pretendew li ż-żwieġ tagħhom seta' jirnexxi faċilment u mingħajr preparazzjoni serja. Anke kieku l-partijiet kellhom l-iktar karattri faċli ma kien ser ikun faċli li dan iż-żwieġ jirnexxi. Biex tkompli tgħaxxaq, kien żmien il-pandemija tal-COVID-19, meta l-attriċi kienet *vulnerabbli*, ix-xogħolijiet ġew affetwati u l-partijiet kienu qed iqattgħu kull ħin tal-ġurnata magħluqa d-dar flimkien. Il-Qorti temmen li din is-sitwazzjoni żgur kompliet tgħarraq dak li setgħu pruvaw jibnu l-partijiet f'dawn iċ-ċirkostanzi.

[30] Xhieda tal-konvenut a fol. 593.

Dan mintqal, il-Qorti fliet il-provi bir-reqqa u rat illi kien hemm ħafna u ħafna mumenti sbieħ f'din ir-relazzjoni, mumenti fejn l-attriċi tidher ġenwinament ferħana u *in love* u fejn il-konvenut jidher kburi bl-attriċi u jrid juriha lid-dinja, ifissidha u jtiha l-attenzjoni kollha possibbli. Madanakollu l-Qorti tara nteressanti l-fatt li l-attriċi ma ssemmi xejn minn dan fl-affidavit dettaljat li tippreżenta. Mill-bidu tar-relazzjoni tiddeskrivi mumenti għal kollox negattivi, tant li wieħed jistaqsi meta jaqra x-xhieda tagħha kif riedet tiżżewweġ jekk kienu qed jiġru dawk l-affarijiet kollha li ssemmi. Madanakollu l-Qorti għandha risposta għal dan mill-filmati preżentati mill-konvenut għaliex hemm jidher kemm kellhom mumenti sbieħ il-partijiet, mumenti li l-attriċi tagħżel li tħalli barra għal kollox fix-xhieda tagħha minkejja li kienu numerużi għaż-żmien qasir li għamlu flimkien.

Għalkemm l-attriċi tgħid li l-problemi l-iktar li bdew kien wara li żżewwġu u għalhekk tgħid li l-konvenut iżżewwiġha biss għad-dokumenti, qabel iż-żwieġ hija ssemmi biss inċidenti negattivi dwar il-ħajja tagħhom. Jidher biċ-ċar li madwar ix-xahar ta' Diċembru 2019, ix-xahar li fih iżżewwġu, l-partijiet kienu ferħana sew flimkien tant li jidhru fid-dar preparazzjonijiet għall-Milied flimkien, messaġġi fuq *Facebook* dwar l-ewwel Milied flimkien u iktar minn hekk preparazzjoni sabiħa għat-tarbija li kienet ġejja. Hija tgħid li f'dan iż-żmien "*I was already in an advanced pregnancy in December 2020, when C began to allow himself to hit and push me...*"[31]

L-attriċi tagħżel li ma ssemmix ir-ritratti li kien jieħu l-konvenut kull ġimgħa, mill-bidu tat-tqala, tagħha tqila u tat-tarbija tikber fil-ġuf, kif tagħżel li ma ssemmix il-visti tat-tarbija fejn fil-filmati naraw liż-żewġ partijiet jaraw it-tarbija waqt l-*ultrasound* b'ħafna eċitament u ħerqa. Filmati oħra juru lill-partijiet jixtru l-ħwejjeġ flimkien għat-tarbija li kienet ġejja, it-tnejn b'ħafna ferħ u entużjażmu.[32] L-attriċi anzi tagħti l-impressjoni li kienet għal kollox weħedha f'dan il-vjaġġ tat-tqala iżda r-ritratti u filmati juru verità oħra.

---

[31] Fol. 121.

[32] Screenshots u filmati - 46.png. mill-folder 'Screenshots' preżentati bħala parti mill-USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.

L-attriċi ssemmi biss episodji fejn il-konvenut irreaġixxa b'mod vjolenti, li l-Qorti se tasal għalihom iktar tard f'din is-sentenza, u ilmenti ta' nuqqas ta' support li kellha mill-konvenut. Hija tgħid li kien ikollha tmur tixtri hi per eżempju u li l-konvenut ma ried jagħmel xejn bi preparazzjoni għat-tarbija meta l-*iscreenshots* tal-messaġġi bejn il-koppja juru listi ta' *groceries* li l-attriċi stess kienet tibgħat lill-konvenut biex jixtrilha, mhux darba jew tnejn.[33] Wieħed jinnota wkoll il-messaġġi ta' qabel u wara l-lista tax-xiri li juru konverżazzjoni sabiħa bejn il-partijiet li jidhru li kienu qed jiftehmu ħafna fuq x'kellu jagħmel kull wieħed minnhom b'ħafna *emojis* ta' mħabba u ta' ferħ. Dan fil-waqt li l-attriċi tagħti l-impressjoni li ħlief joqgħod fuq il-kompjuter il-konvenut ma kienx jagħmel. Jidhru wkoll filmati tiegħu mat-tifel fejn it-tifel kien jidher komdu ħafna fil-preżenza ta' missieru li jilgħab miegħu u jitimgħu.

L-attriċi tilmenta wkoll illi l-konvenut ma kienx magħha waqt it-twelid tat-tifel u ma raqadx magħha l-isptar u li qisu kien imur l-isptar ta' bilfors. Hija tgħid "*Delivery of the baby, lack of lovey, sympathy, concern, attention, cares towards me and our newborn son, poor and scandalous behaviour at the hospital, continuous ill treatment of me, disregards of physicans opinion threatening baby's health."*[34] Dan fl-istess żmien li l-partijiet jidhru lebsin t-shirts pariġġ, jippużaw għall-miġja tat-tarbija. Fl-istess ħin ukoll jidher ritratt tagħhom it-tnejn ħerġin mill-Isptar bil-konvenut jidher qed iġorr it-tarbija ġol-*car seat*, jitgħannqu sejrin id-dar.

Jidher ukoll illi l-attriċi kienet ittella ħafna ritratti u tikteb ħafna posts fuq il-profil tagħha ta' *Facebook*, f'dan l-istess żmien tal-bidu tal-2020 fejn hija fl-affidavit tagħha tgħid li kien żmien ikrah ferm mal-konvenut, fejn fihom hija tifraħ dwar iż-żmien sabiħ li għaddejja minnu u kważi tiftaħar dwar ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut. Wieħed jista' jgħid li forsi dawn kienet ittellahom għaliex il-konvenut kien iġiegħlha? Il-Qorti tiskarta dan il-ħsieb għaliex l-attriċi lanqas biss tirreferi għal dawn il-posts jew tipprova tispjegahom fix-xhieda tagħha u oltre minn hekk ir-ritratti li ttella' juru ferħ ġenwin minn naħa tagħha. Xi eżempji ta' dawn huma dak li kitbet nhar 1 ta' Frar 2020 fejn ittella' ritratti tagħha mal-konvenut u tikteb

[33] Screenshots (71.jpg u ħafna oħrajn) u filmati preżentati mill-konvenut permezz ta' USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.
[34] Fol. 123.

"*weekend in the park*".[35] Dan meta hija tilmenta wkoll fl-affidavit tagħha li qatt ma kienu joħorġu bħala familja meta ħafna filmati anke mat-tifel jidhru meħudin barra. Fit-30 ta' Jannar ittella ritratt u tikteb "*To met you my love, my world, my husband, my happiness, my special boy was the most amazing thing that happen in my life last year..i never can forgot our sweet first date...i never expect how sweet you can change my life...love you every day more and more*."[36] Fit-13 ta' Frar ittella ritratt ieħor u tikteb "*I never expected all that happiness that you can give it to me when I met you love you my special boys i am the most happiest wife and mamma will love you with all my heart more and more."*[37] U ħafna oħrajn simili.

Din il-Qorti fil-fatt taqbel mal-insejament li għamlet il-Qorti Kriminali fis-sentenza kontra l-konvenut, preżentata minnu bħala prova f'dawn il-proċeduri fejn dik il-Qorti tgħid "*The Court is saying this irrespectively of all the allegations which parte civile made against the accused of violence stemming back to prior to the marriage or the birth of the parties' son as well as irrespective of all the allegations of bad parenting against the accused which in the court's views have been put into considerable doubt by all the video documentation exhibited by the accused himself. It is clear from these documents that parte civile was being treated with affection by the accused and same was exchanged by parte civile towards accused not to mention the involviment that accused had during the pregnancy of parte civile up to the dat their son was born which trip to hospital was also video documented coupled with lots of lovey dovey, kisses and I love yous."*[38] Interessanti wkoll dak li tgħid il-ħaddiema soċjali f'wieħed mir-rapport li tippreżenta proprju dak tas-26 ta' April 2023 fejn tgħid li l-attriċi tidher li ma tgħidx l-istorja kollha meta mitkellma.

L-attriċi tilmenta wkoll illi l-konvenut kien ikun dejjem fuq il-kompjuter jiċċatja ma' nisa oħra bl-iskuża tax-xogħol. Hija terġa' hawn ma tagħtix

---

[35] Screenshot (4.jpg ) preżentat mill-konvenut permezz ta' USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.
[36] Screenshot (34.jpg ) preżentat mill-konvenut permezz ta' USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.
[37] Screenshot (16.jpg ) preżentat mill-konvenut permezz ta' USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.
[38] Fol. 681.

l-istampa kollha tas-sitwazzjoni u ma tgħidx li anke hi stess kienet tissuportja lilu f'dan l-istess xogħol u tkellem hi stess lil dawn in-nisa. Hija tagħti l-impressjoni li hi ma kienet involuta bl-ebda mod fix-xogħol tiegħu u li ma kinitx taf lil dawn in-nisa li kien qed ikellem b'mod li joħroġ mill-parametri ta' 'xogħol.' Madanakollu f'messaġġi preżentati fi Frar 2020[39] jingħad illi "*you spoke with my wife yesterday*". Il-Qorti tirreleva wkoll li li kieku l-konvenut kien qed ikellem lil dawn in-nisa għaliex ried xi tip ta' relazzjoni magħhom ma kienx ser joqgħod itella dawk il-posts kollha fuq il-profil tiegħu jiftaħar b'martu u jgħid li "*you are always beautiful*", "*I have a hero I call her mishe*", "*my world in one picture*" etc.

Il-Qorti minn naħa l-oħra rat ukoll il-filmati u ritratti preżentati mill-attriċi, u anke filmat partikolari li preżenta l-konvenut stess[40] li waqt argument il-konvenut jidher jirrabja ħafna u l-Qorti temmen li l-konvenut kien jirreaġixxi b'mod li joħroġ barra mill-limiti, anke jekk l-attriċi tidher kemm il-darba tiffittah u ma tantx tidher li tibża' minnu. Tgħid fil-fatt anke l-ħaddiema soċjali illi "*Apparti minn hekk, jidher wkoll li kien hemm xi drabi fejn is-Sinjura B bdiet tagħmel affarijiet li jiggravaw is-sitwazzjoni. Eżempju ta' dan huwa darba minnhom is-Sinjur E għalqilha l-bieb u qalla biex titlaq minn ħdejh, u s-Sinjura Milcova fetħet il-bieb u bdiet tgħajjat biex titkellem. Is-Sinjur E qam jerġa jagħlaq il-bieb u s-Sinjura B reġat fetħitu waqt li baqgħet tirrekordja fuq l-mobile. Apparti minn hekk f'wieħed mill-filmati is-Sinjur Mabrouck qalilha "do you think I'm joking?" waqt li kien qed jirrabja, u s-Sinjura B wiġbitu "yes"*" [41]

Wiċċ il-konvenut anke fir-ritatti preżentati mill-attriċi jidħer irrabjat ħafna u l-konvenut stess jgħid li "*I hit her only one time*"[42] għalkemm jiċħad għal kollox drabi oħra. L-attriċi tippreżenta wkoll *screenshot* ta' messaġġ fejn għajjarha "*animal*" [43] u jidher f'filmati oħra ikeċċiha 'l hemm u irritat ħafna bil-preżenza tagħha. Fil-fatt il-Qorti ma tiddubitax li l-konvenut kien f'dan il-mumenti jinsulenta lill-attriċi kif issemmi hi fl-affidavit tagħha bi kliem bħala *go to hell, fuck off* etc. Huwa jidher

[39] Screenshot (2.jpg ) preżentat mill-konvenut permezz ta' USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.

[40] Filmat ġo folder 10 preżentat mill-konvenut permezz ta' USB mmarkata bħala Dok. AM3 annessa mal-affidavit tal-konvenut a fol. 588.

[41] Fol. 687.

[42] Fol. 619.

[43] Fol. 133.

jgħajjat anke fil-preżenza ta' ommha meta kellhom l-inċident tad-dokumenti, iżda minn naħa l-oħra ommha ma tidher li qed tibża' minnu xejn fejn tiffilmjah ġo wiċċu bil-mobile f'mument meta kien daqstant irrabjat.

Dan il-Qorti temmen li kien il-karattru tal-konvenut u li kien hekk mill-bidu nett, hekk kif l-attriċi stess għalkemm tgħid li daħaq biha għaliex tgħid li nbidel wara ż-żwieġ iżda fl-istess ħin issemmi inċidenti li fihom tgħid li kien vjolenti magħha qabel iż-żwieġ.  Il-Qorti meta tara l-istampa kollha fejn fl-istess żminijiet li kien qed ikollhom dawn l-argumenti, l-attriċi kienet ukoll daqstant ferħana miegħu, u l-mod kif waqt l-argumenti l-attriċi ma turix xi biża partikolari minn żewġha, il-Qorti temmen li l-atti tal-konvenut, għalkemm kienu kawżali għat-tkissir taż-żwieġ ma kienux jikkostitwixxu iktar minn sevizzi u inġurji gravi.

Il-Qorti temmen ukoll li l-fatt li l-partijiet kienu ġejjin minn kulturi daqsekk differenti ma għinx is-sitwazzjoni, kif ma għenx iż-żmien tal-pandemija fejn din il-koppja spiċċat magħluqa bejn erba' ħitan bi problemi ta' introjtu u b'daqsekk avvenitment jiġru f'ħajjitha f'qasir żmien.  Il-Qorti fil-fatt tifhem dak li tgħid l-attriċi li kien hemm *strain* finanzjarja fejn l-konvenut għamel żmien ma jaħdimx meta hija kienet għada b'tarbija żgħira u fi żmien fejn hi ma setgħetx taħdem.  Il-ħolma tal-konvenut li jiżviluppa x-xewqa tal-films, ma kinitx qed tgħin għal introjtu stabbli u b'saħħtu u l-Qorti tifhem li dan seta' poġġa iktar biża u tensjoni fuq l-attriċi.  Omm l-attriċi jista' jkun li ma għenitx ukoll għaliex ma tidhirx li kienet tmewwet l-affarijiet iżda kienet iktar tixgħel fjamma kontra l-konvenut kif fil-fatt jidher fil-filmati preżentati.

Il-Qorti kriminali kellha fil-fatt l-istess insejmanet ta' din il-Qorti meta tgħid "*It is suffecient with regards to this charge for the Court to refer to the videos presented by parte civile where the accused appears in most of said videos to be very angry and he is clearly annoyed by the presence of parte civile in the room where he would be situated. He is also seen physically removing parte civile from the room where she remained even though he asked her to leave or to 'fuck off' on more than one occasion and in one particular video he is seen reacting in such a way as though he is going to punch her but falls short from actually*

*punching the parte civile and which behaviour ensures that parte civile leaves the room where he was situated, in order to avoid aggravating circumstances."*[44]

Il-Qorti temmen li l-aġir tal-konvenut meta dan kien joħroġ barra mill-limiti ta' rabja kien jammonta għal sevizzi u inġurji gravi, kif kien jammonta għal inġurji gravi l-fatt li l-Qorti ma tħossx li kien jagħti support finanzjarju biżżejjed lil familtu. Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deċiża fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti kienet qieset illi l-fatt illi żewġ l-attriċi kien iħalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi kien ħati ta' abbuż emozzjonali minħabba diversi offiżi u nsulti *da parti* tiegħu kontra martu, irrendieh ħati ta' sevizzi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u li għalhekk kellu jerfa' responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ.

Il-Qorti iżda ma tistax tinjora kif l-attriċi tpinġi pittura sewda ta' dan iż-żwieġ meta l-provi prodotti juru li kien hemm diversi żminijiet fejn ir-relazzjoni kienet sejra tajjeb, kemm qabel u kemm wara ż-żwieġ u dan kif jixdu d-diversi filmati u ritratti esebiti in atti. Il-Qorti ma tistax tieħu dan b'mod leġġer u tqis il-varji akkużi mhux ippruvati sodisfaċentement bħala inġurjużi fihom infushom. Il-Qorti tikkundanna wkoll tali aġir bħala mhux ta' għajnuna għas-sejbien effettiv tal-verità. Kwindi l-attriċi wkoll għandha terfa' r-responsabbilitajiet tagħha għat-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Għaldaqstant il-Qorti ssib lill-konvenut ħati tat-tkissir taż-żwieġ minħabba sevizzi u inġurji gravi u lill-attriċi għall-iġurji gravi.

### 3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:

L-attriċi titlob li jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' L-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 *stante* li skont hi ż-żwieġ tkisser esklussivament minħabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut.

Il-Qorti tfakkar li l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana

[44] Fol. 681.

b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Artikolu 48 tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-partijiet ħatja fi kwoti ndaqs bejniethom tat-tkissir taż-żwieġ taħt l-Artikolu 40 tal-Kap 16. Il-Qorti ma tħossx li f'dan il-każ għandha tapplika kontrihom is-sanzjonijiet li taħseb għalihom il-liġi fl-Artikolu 48.

## 4. Kura u kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri F-G E

Minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom tifel, F G, li twieled fil-5 ta' Frar 2020 u li għalhekk illum għandu ħames snin u li kellu ftit xhur meta l-attriċi telqet mid-dar u l-partijiet isseparaw *de facto.* Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura u kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ġiet regolata permezz ta' numru ta' digrieti.

Il-Qorti rat illi:

1. Nhar it-18 ta' Mejju 2022[45] il-Qorti ddeċidiet illi:

[45] Fol. 113.

Dwar il-**manteniment**: il-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) bħala manteniment għat-tifel oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni;

Dwar l-**aċċess**: tiffissa aċċess favur il-konvenut kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn il-5pm u s-7pm u fil-weekend b'mod alternattiv darba mis-Sibt mill-10am sal-5pm u l-ġimgħa ta' wara l-Ħadd;

2. Nota tal-attriċi preżentata waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2023[46] quddiem l-Assistant Ġudizzjarju li biha ppreżentat rendikont finanzjarju li jkopri snin 2020-2023 dwar l-ispejjeż relatati ma' saħħa u edukazzjoni tat-tifel;

3. Permezz ta' digriet tat-30 ta' Jannar 2023 il-Qorti ordnat illi:

Dwar il-**manteniment**: il-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar bħala manteniment għat-tifel oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni;

Tordna wkoll li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex jagħmel l-indaġini meħtieġa sabiex jiġi stabbilit jekk u kif jista' jseħħ l-**aċċess** tal-missier għall-minuri.

4. Rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal tas-26 t'April 2023[47] fejn il-ħaddeima soċjali kkonkludiet, wara li tkellmet mal-partijiet illi:

L-aċċess bejn il-konvenut missier u binhom għandu jseħħ taħt superviżjoni kontinwa mid-Direttorat għall-Kura Alternattiva;

L-aċċess isir ġewwa l-binja tal-Appoġġ għall-ewwel tliet xhur, liema aċċess jerġa' jiġi rivedut wara din id-data.

[46] Fol. 483.
[47] Fol. 686.

Permezz ta' digriet tat-23 ta' Novembru 2023[48] il-Qorti laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u ordnat lill-partijiet josservawhom skrupliżament.

5. Rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal tat-12 ta' Settembru 2024[49] fejn il-ħaddiema soċjali kkonkludiet, wara li tkellmet mal-partijiet illi:

*"1. L-**aċċess** bejn il-minuri u s-sinjur E jibda jkun ta' siegħa fil-ġimgħa għall-ewwel sitt xhur, jekk ma jkunx hemm diffikultajiet dan l-aċċess jiżdied għal sagħtejn fil- ġimgħa b'mod awtomatiku. Jekk jibqa' ma jkunx hemm diffikultajiet, dan l-aċċess għandu jibqa' jiżdied b'siegħa kull darba, kull perjodu ta' sitt xhur, sa massimu ta' erbgħa siegħat fil-ġimgħa.*
*2. Sabiex jiġi evitat li s-sinjura B tkun preżenti waqt l-aċċess tal-missier, huwa ssuġġerit li jiġi appuntat traduttur li jaf kemm il-Bulgaru u anke l-Ingliż. Is-social worker hawn taħt sottoskritt jissuġġerixxi li jiġi appuntat is-sinjur Stefan Kontchev, minħabba l-fatt li ġieli ħadem fuq każijiet tal-Qorti fejn ikun hemm l-aċċess u għaldaqstant jaf il-proċedura.*
*3. L-ispejjeż tat-traduttur għandhom jiġu maqsuma bejn il-partijiet."*

Permezz ta' digriet tal-25 ta' Settembru 2024[50] il-Qorti laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u ordnat lill-partijiet josservawhom skrupliżament.

6. Rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal tat-30 ta' Settembru 2024[51] fejn il-ħaddeima soċjali nfurmat lil Qorti illi

*"Permezz ta' messaġġi fuq il-pjattaforma ta' Whatsapp, is-sinjur E informa lill- professjonist li permezz ta' digriet datat 23 ta' Settembru 2024, maħruġ mill-Magistrat Dr. Abigail Critien, missier il-minuri qed ikollu aċċess liberu mal-minuri bħala kumpens tal-aċċess li kien mitluf matul ix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2022, kif ukoll Jannar 2023.*

[48] Fol. 690.
[49] Fol. 704.
[50] Fol. 706.
[51] Fol. 715.

*Permezz ta' ritratti u filmati provduti mis-sinjur E, jidher li l-aċċess m'ibnu qed ikun wieħed ta' natura pożittiva u li minkejja li hemm id-diffikultà bil-lingwa, is-sinjur E u ibnu F qed jirnexxilhom jikkomunikaw.*

*Il-professjonist sottoskritta spjega illi se jibdew isiru visti b'sorpriża waqt il-ħin tal- aċċess u s-sinjur E ma jsibx oġġezzjoni u lest li jikkopera bi sħiħ mad-Direttorat.*

*Rakkomandazzjonijiet*

*Minħabba l-fatt li s-sinjur E qed ikollu aċċess m'ibnu F b'mod liberu fil-preżent, id-Direttorat jixtieq jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li se jkunu qed iseħħu spot checks fil-ħin li s-sinjur E ikollu aċċess m'ibnu sabiex tiġi evalwata ir-relazzjoni bejn is-sinjur E u ibnu, id-dinamika bejn il-partijiet. Apparti minn hekk, il- professjonist sottoskritt jixtieq jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li se jiġi preżentat rapport ieħor sas-seduta li jmiss."*

## *4.1 Il-Kura u Kustodja u aċċess tal-Minuri*

Fil-kawża odjerna, il-Qorti tinnota illi Il-attriċi titlob li l-kura u kustodja ta' binhom għandha tkun assenjata esklussivament lilha, filwaqt li l-missier jitlob li din għandha tkun konġunta.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli *pro et noe* vs John Portelli**[52] intqal illi: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

[52] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003 (Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP).

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**[53], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs Amelia Cutajar et**[54] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[55] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*.

Tgħid ukoll il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'Artikolu 3:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Tenut kont ta' dawn il-prinċipji bażilari u *ċioé* l-prinċipju tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-minuri, il-Qorti għandha l-fakoltà li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kap 16, tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**[56] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[57] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess*

[53] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[54] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[55] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[56] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru. 268/11AL).
[57] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru. 218/13AL).

*suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna”*.

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem f'idejn l-omm u ma jidhirx li jirriżulta ebda dubju fuq l-abilitajiet tal-omm li tieħu ħsieb sewwa ta' iben il-partijiet. Filwaqt li l-Qorti ssostni li l-preżenza taż-żewġ ġenituri toħloq ħajja sana għall-ulied li għandhom bżonn liż-żewġ ġenituri f'ħajjithom, u għalkemm il-missier jgħid li huwa dejjem ried li jkollu sehem attiv fil-ħajja tat-tifel, tagħraf ukoll li ċerta sitwazzjonijiet ma jippermettux kura u kustodja konġunta.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* vs Francis Cauchi**,[58] fejn il-Qorti irriteniet illi hija "*tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom*". Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[59] fejn il-Qorti saħqet illi "*filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri*"

Tgħid l-istess sentenza fil-fatt dak li japplika għal dan il-każ *"Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal- Qrati tal-Gustizzja ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.".*

F'dan il-każ mhux talli l-ġenituri bejniethom ma jiftehmux, talli ġejjin minn żewġ kulturi differenti b'ideat diversi li bħal fil-każ taċ-ċirkonċiżjoni, dan wassal għal nuqqas ta' ftehim kbir li minnu ser ibati biss il-minuri. Ma

[58] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).

[59] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' April 2015 (Rik. Ġur. Nru. 277/2012 RGM).

hux prattiku u lanqas idoneu fiċ-ċirkostanzi illi l-omm ikollha kull darba titlob il-kunsens tal-missier għad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-minuri. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi għandha tiddisturba r-rutina tal-minuri, u dan tenut kont tan-nuqqas ta' provi suffiċċjenti li jistabbilixxu li l-ħajja li tgħix mal-attriċi qiegħda tippreġudikalha d-drittijiet ta' iben il-partijiet.

Għaldaqstant u in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun idoneju u fl-aħjar interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' f'idejn l-omm b'dan li hija tieħu kwalukwe deċiżjoni ordinarja, kif ukoll deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-imsemmi minuri.

Rigward il-passaport, dan għandu jkun depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti b'mod immedjat u kull parti għandha tippreżenta rikors kull darba li trid issiefer lill-minuri u tkun biss bl-awtorità tal-Qorti u taħt il-kundizzjonijiet li din tordna, li dik il-parti tagħmel dan.

Fir-rigward tal-aċċess mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa ġeneralment fl-aħjar interess tal-minuri illi tiġi preservata r-relazzjoni tagħhom maż-żewġ ġenituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

*"(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.*

*(2)* ***Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***

*(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri."*

Meta si tratta ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi ġie rilevat mill-Qrati illi:

"*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.*"[60]

Illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħħda minnhom jekk mhux abbażi ta' rakkomandazzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**[61] ingħad is-segwenti:

*"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt ghall-access huwa wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-genituri, liema dritt jemanixxi mis-setgha ta' genitur. Ghaldaqstant id-dritt ghall-access ghandu jitgawda mill-genitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tigi assenjata lil wiehed mill-genituri. L-unika eccezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' access huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minhabba fattispecji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali access. Il-Qorti tiribadixxi illi ma ghandha l-ebda interess li tisfratta l-possibilita' li genitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm ragunijiet validi u legittimi, u dan f'gieh l-interess suprem tal-minuri."*

[60] Vide deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.
[61] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament preseduta, nhar is-27 t'Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru. 202/2014).

Il-Qorti tinnota illi l-omm kemm-il darba ġabet bħala skuża mal-ħaddiema soċjali illi t-tifel ma jafx bil-lingwa Ingliża u għalhekk ma hux ser jifthiem ma' missieru. Hawnhekk il-Qorti tistmerr din l-attitudni tal-omm fejn qed iġġib skuża bil-lingwa biex tifel ma jqattax ħin ma' missieru, dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li tilmenta li l-konvenut ma jieħux fuqu r-responsabbilitajiet ta' missier. Il-minuri fl-ewwel nett qiegħed jgħix hawn Malta u għalhekk ma jistax ikun jaf il-lingwa Bulgara biss. Iktar importanti minn hekk, ladarba missier it-tifel ma jafx il-lingwa Bulgara mela t-tifel ma jistax ma jitgħallimx l-Ingliż biex b'hekk ikun jista' jibni xi tip ta' relazzjoni ma' missieru wkoll. Il-Qorti tħoss li b'din l-iskuża frivola l-attriċi qed tagħmel minn kollox biex iżżomm lill-minuri l-bogħod minn missieru waqt li tibqa' tilmenta li l-missier ma jimpurtahx minn ibnu.

Permezz tal-aħħar Nota tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, il-Qorti ġiet infurmata illi l-aċċess kien qed isir b'mod liberu u li kien qed ikun ta' suċċess. Il-Qorti tordna illi ladarba l-omm tirritorna Malta bil-minuri l-aċċess jerġa' jibda b'mod immedjat u bl-istess mod liberu b'dan illi d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jibqgħu jagħmlu montieraġġ tas-sitwazzjoni.

4.2 *Manteniment għall-minuri*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kap 16 li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel,

ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kap 16 iservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi

skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri kalkulatti fuq prospett li għandu jġib dik il-parti li tkun qed tilob il-manteniment.

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[62]

Fil-każ odjern l-aħħar digriet tal-manteniment għolla l-manteniment tal-minuri għall-ammont mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar bħala manteniment għat-tifel *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid li jaqbel ma' dan l-ammont u l-Qorti għalhekk sejra tikkonferma dan l-ammont u tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar bħala manteniment għat-tifel *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, li għandu jitħallas f'kont indikat mill-attriċi permezz ta' *standing order* liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

## 5. Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar il-21 ta' Diċembru 2019 ġewwa Malta, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

[62] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).

*<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*<u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:</u>*

Il-partijiet jaqblu li ma għandhomx proprjetà mobbli jew immobbli komuni u dejjem qagħdu fil-kera.

Il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha żżomm kwalunkwe kontijiet li jista' għandha fil-banek intestati fuq isimha inkluż l-bilanċ ta' flus li jinsabu fih.

Illi fl-eventwalità li jirriżulta li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn għandhom jiġu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi din il-Qorti tordna wkoll illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull waħda mill-partijiet tista' talvolta tkun assumiet, għandu jkun responsabbiltà esklussiva ta' dik il-parti li tkun assumietu.

**6. Dwar Kunjom l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha '*B'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap 16.

**DEĊIDE:**

**Ikkunsidrat dak kollu hawn fuq premess, il-Qorti filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti iżda dan bi ħtija taż-żewġ partijiet għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F G f'idejn l-attriċi u sabiex din tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri iżda tiċħadha f'dak li għandu x'jaqsam ma' passaport fejn tordna illi l-passaport għandu jkun depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti b'mod immedjat u kull parti għandha tippreżenta rikors kull darba li trid issiefer lill-minuri u tkun biss bl-awtorità tal-Qorti u taħt il-kundizzjonijiet li din tordna, li dik il-parti tagħmel dan;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna lill-minuri jirrisjedi esklussivament mal-attriċi;

4. Tilqa' r-raba', ħames u sitt talbiet attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar bħala manteniment għat-tifel *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, liem manteniment għandu jitħallas f'kont indikat mill-attriċi permezz ta' *standing order* liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi;

5. Tiddeċiedi dwar is-seba' talba attriċi skont il-provvedimenti ta' taqsima 4.1 ta' din is-sentenza u *ċioé* dik intitolata "*Il-Kura u Kustodja u aċċess tal-Minuri";*

6. Tiċħad it-tmien talba attriċi;

7. Tiċħad id-disa' talba *stante* li din il-Qorti sabet liż-żewġ partijiet ħatja għat-tkissir taż-żwieġ u ma applikatx kontrihom is-sanzjonijiet skont l-Artikoli 48 *et seq*. tal-Kap 16;

8. Tilqa’ l-għaxar talba attriċi skont dak deċiż fil-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta’ din is-Sentenza u *ċioé “It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta’ dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali”;*

9. Tiċħad il-ħdax-il talba attriċi għaliex ma hemmx il-bżonn ta’ dan;

10. Tiċħad it-tnax-il talba skont dak deċiż fil-provvedimenti tat-tielet (3) parti ta’ din is-Sentenza u *ċioé* “*L-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kap 16”;*

11. Tilqa’ t-tlettax-il talba u tawtorizza lill-attriċi tirreverti għal kunjom xbubitha “B”;

12. Tiċħad l-erbatax-il talba f’dan l-istadju;

13. Tilqa’ l-ħmistax-il talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

14. Tiddeċiedi dwar is-sittax-il talba billi tordna illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.